# KUNSILL LOKALI
# IL-MUNXAR

# RAPPORT ANNWALI AMMINISTRATTIV 2023

**WERREJ**


| | |
|---|---|
| **1. REVIŻJONI TAX-XOGĦLIJIET** | **2-5** |
| **2. IL-KUNSILL** | **6** |
| **3. VARJAZZJONIJIET FID-DĦUL U L-INFIQ** | **7-8** |
| **4. DIKJARAZZJONI RIKONĊILJATORJA BANKARJA** | **9-10** |
| **IR-RAPPORTI DWAR IL-ĦIDMA TAL-MEMBRI TAL-KUNSILL** | |


*Ippreparat minn Ryan Debrincat*

## 1. *Reviżjoni tax-Xogħlijiet*

Ser inkunu qed nagħtu ħarsa lejn ix-xogħol u l-progress li għamel il-Kunsill Lokali Il-Munxar matul l-aħħar sena ta' ħidma. Dan ir-Rapport Amministrattiv hu għas-sena 2023.

**OFFERTI GĦAL XOGĦLIJIET, MATERJAL U SERVIZZI**

Matul is-sena 2023, ġew ippubblikati dawn is-sejħiet għall-offerti:

- Provvediment u kunisnna ta' tagħmir tad-dawl u materjal tal-elettriku;
- Provvediment u installazzjoni ta' *composite railings*;
- Xogħol ta' tisbiħ fid-daħla tal-Munxar fi Triq Santa Dminka bi prattika favur l-ambjent;
- Xogħol ta' tisbiħ fid-daħla tal-Munxar fi Triq Santa Dminka b'sistema ta' dawl effiċjenti u b'sistema ambjentali ta' irrigazzjoni.

**IL-ĦIDMA TAL-KUNSILL**

Bħal kull Kunsill Lokali ieħor f' Malta u f'Għawdex, il-Kunsill tal-Munxar huwa responsabbli minn diversi funzjonijiet obbligatorji u dawn huma fost l-oħrajn:

- Il-ġbir tal-iskart domestiku, riċklabbli u tal-ħġieġ bieb bieb;
- Servizz ta' ġbir tal-iskart goff;
- *Bring-in site* għas-separazzjoni tal-iskart fix-Xlendi;
- It-tindif u ż-żamma fi stat tajjeb tat-toroq, il-latrini pubbliċi, il-ġonna u l-postijiet ta' rikreazzjoni, is-sinjali u l-marki tat-traffiku;
- It-tiswija tal-lampi tat-toroq;
- Komunikazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti biex isiru xogħlijiet u proġetti kif ukoll estensjoni ta' xi servizzi fil-lokalita`;
- Organizzazzjoni ta' attivitajiet kulturali, sportivi u edukattivi;
- Tħaris tal-ambjent naturali u urban tal-lokalità.

## 1. *Reviżjoni tax-Xogħlijiet*

**ĦIDMA SOĊJALI**

Ser insemmu wħud mill-attivitajiet li ġew organizzata fil-qasam soċjali :

- Ħarġiet kulturali f'Malta u f'Għawdex għan-nies u t-tfal tal-lokalita`;
- *Streaming* tal-laqgħat *online*;
- Fix-xhur tas-sajf, ġiet organizzata l-Fjakkolata Tradizzjonali fix-Xlendi kif ukoll programm sħiħ ta' "I Love Xlendi Summer Events 2023";
- Fakkarna Jum Il-Munxar, it-12 ta'Diċembru. Saret quddiesa fil-Knisja Parrokkjali tal-Munxar u wara serata tal-okkażżjoni fiċ-Ċentru Parrokkjali. Din is-sena bħal kull sena ingħata l-premju Ġieh Il-Munxar kif ukoll rikonoxximent lill-membri tal-Kunsill Lokali li servew sa mit-twaqqif tagħhom f'għeluq it-tletin anniversarju;
- Tiżjin tal-Milied fit-toroq tal-Munxar u tax-Xlendi;
- Kunċert mużikali fil-jiem ta' qabel il-Festa ta' San Pawl Nawfragu fil-Pjazza tal-Knisja bis-sehem ta' Stranded Band';
- Programm t'attivitajiet fi żmien il-Milied fosthom it-tqassim ta' rigali għat-tfal minn *Father Christmas* wara l-inizjattivi 'Ittra lill-Father Christmas', ħarġa għat-tfal bit-*trackless train* u film ġewwa Citadel Cinema, ħarġa għall-anzjani ġewwa Għawdex, ħarġa għall-familji għal The Magical Illuminated Trail fil-Palazz Verdala, kif ukoll it-tqassim ta' ikla b'xejn lill-anzjani li jgħixu waħedhom nhar Jum il-Milied;
- Attivita' fl-okkażjoni tal-World Clean Up Day;
- B'kollaborazzjoni mal-għaqdiet volontarji tal-lokalita' ġiet organizzata l-ħames edizzjoni ta' *Xlendi Sunset Festival*;
- Saret it-tieni edizzjoni tal-*Fireworks and Gastronomy Festival* permezz ta' fondi ewropej;
- Attivita' tat-tberik tal-annimali bis-sehem tal-Mellieħa Scouts Band;
- Saret l-attivita' tal-Karnival fil-Pjazza tal-Knisja;
- Attivitajiet fl-okkażjoni tal-European Mobility Week.

## 1. *Reviżjoni tax-Xogħlijiet*

**PROĠETTI U XOGĦLIJIET OĦRA**

- Matul is-sena 2023, il-Kunsill iffinalizza u inawgura diversi proġetti fosthom ir-riġenerazzjoni tal-Pjazza tal-Knisja fil-Munxar, ir-restawr tat-Torri tax-Xlendi, ix-xogħlijiet ta' tisbih fi Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina fil-Munxar, kif ukoll, il-bini ta' belvedere fi Triq L-Isqawi fil-Munxar;
- Beda x-xogħol ta' installazzjoni ta' diversi fanali dekorattivi fix-Xlendi fosthom fi Triq San Xmun, Trejqet il-Madonna tal-Karmnu, parti minn Triq Sant'Indrija u parti minn Triq ir-Rabat;
- Beda x-xogħol ta' qlugħ tar-*railing* tal-ħadid fi Triq San Xmun u minfloku beda l-installazzjoni ta' *railing* ġdid b'materjal riċiklat li jiflaħ għall-elementi li jaħkmu l-bajja tax-Xlendi;
- Beda x-xogħol ta' preparazzjoni sabiex Il-Kunsill jibda jimplimenta proġett ta' tisbiħ fid-daħla tar-raħal fi Triq Santa Dminka fil-Munxar.
- Żbir ta' diversi siġar u qtugħ ta' ħaxix fil-lokalita';
- Xogħol ta' żamma u manutenzjoni fil-Wied tax-Xlendi;
- Manutenzjoni ta' ġonna u *soft areas*;
- Kostruzzjoni ta' diversi bankini fil-Munxar u fix-Xlendi;
- Bdilna għadd ta' tabelli tat-traffiku u ta' informazzjoni;
- Bdilna diversi mirja tat-traffiku miksura u waħħalna oħrajn ġodda;
- Fuq talbiet ta' residenti, waħħalna numru ta' bozoz ġodda;
- Flimkien mal-ħaddiema tal-Beach Cleaning Section fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex saru x-xogħlijiet ta' manutenzjoni fil-bajja tax-Xlendi;
- Sar xogħol ta' *patching* fil-Munxar u fix-Xlendi.

Dawn ix-xogħlijiet huma biss uħud mix-xogħlijiet li l-Kunsill Lokali Il-Munxar kien impenjat jaħdem fuqhom matul din l-aħħar sena ta' ħidma. Nemmnu li dawn ix-xogħlijiet u oħrajn għenu biex kompla jitjieb l-ambjent kemm fil-Munxar kif ukoll fix-Xlendi.

**Damien Spiteri**
**Sindku**

**Ryan Debrincat**
**Segretarju Eżekuttiv**

# ATTENDENZA FIL-LAQGĦAT

## KUNSILL LOKALI Il-MUNXAR

Numru ta’ laqgħat fis-sena 2023: 16

| Pożizzjoni | Attendenza tal-Laqgħat |
|---|---|
| **Sindku** | |
| Damien Spiteri | 100% |
| **Viċi-Sindku** | |
| Carmela Parnis | 100% |
| **Kunsilliera** | |
| Joseph Cauchi | 31% |
| Mark Busuttil | 69% |
| Juliet Attard | 69% |
| **Segretarju Eżekuttiv** | |
| Ryan Debrincat | 100% |

## 3. *Varjazzjonijiet Fid-Dħul u l-Infieq*

### 3.1 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet Konsolidati tad-Dħul u l-Infiq

| | a | b | c | a-b/b-a | a-c/c-a |
|---|---|---|---|---|---|
| **DESKRIZZJONI** | **2023 ATTWALI €** | **2023 BUDGET €** | **2022 ATTWALI €** | **2023 BUDGET VAR €** | **2023 ATTWALI VAR €** |
| **Dħul** | | | | | |
| Tal-Gvern | 392,914 | 357,395 | 367,584 | 35,519 | 25,330 |
| Bye-laws | 21,935 | 50,650 | 49,391 | (28,715) | (27,456) |
| Investiment | 153 | 25 | | 128 | 153 |
| TOTAL | **415,002** | **408,070** | **416,975** | **6,932** | **(1,973)** |
| **Infieq** | | | | | |
| Salarji u Pagi | 116,816 | 113,827 | 118,370 | (2,989) | 1,554 |
| Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | 287,866 | 253,200 | 280,854 | (34,666) | (7,012) |
| Infieq Kapitali | 59,573 | 318,000 | 167,827 | 258,427 | 108,254 |
| TOTAL | **464,255** | **685,027** | **567,051** | **220,772** | **102,796** |
| **Bilanċ** | **(49,253)** | **(276,957)** | **(150,076)** | **(213,840)** | **(104,769)** |

## 3. *Varjazzjonijiet Fid-Dħul u l-Infieq*

### 3.2 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul fid-Dettall

| | a | b | c | a-b | a-c |
|---|---|---|---|---|---|
| **DESKRIZZJONI** | **2023 ATTWALI €** | **2023 STIMA €** | **2022 ATTWALI €** | **2023 BUDGET VAR €** | **2023 ATTWALI VAR €** |
| **Dħul** | | | | | |
| Tal-Gvern | | | | | |
| Annwali | 312,395 | 312,395 | 301,112 | | 11,283 |
| Supplimentari | 80,519 | 45,000 | 66,472 | | 14,047 |
| Bżonnijiet Speċjali | | | | | |
| Entitajiet Pubbliċi/Governattivi | | | | | |
| Oħrajn | | | | | |
| | **392,914** | **357,395** | **367,584** | | **25,330** |
| Bye-Laws | | | | | |
| Servizzi Komunitarji | 14,010 | 7,500 | 7,988 | 6,510 | 6,022 |
| Kontravvenzjonijiet ta' bye-laws | 697 | 800 | 721 | (103) | (24) |
| Kontribuzzjonijiet u donazzjonijiet | | | | | |
| Ġenerali | 7,228 | 42,350 | 40,682 | (35,122) | (33,454) |
| | **21,935** | **50,650** | **49,391** | **(28,715)** | **(27,456)** |
| Investiment | | | | | |
| Interess Bankarju | 153 | 25 | | 128 | 153 |
| Sigurtajiet tal-Gvern | | | | | |
| | **153** | **25** | | **128** | **153** |
| **TOTAL** | **415,002** | **408,070** | **416,975** | **(28,587)** | **(1,973)** |

# *3. Varjazzjonijiet Fid-Dħul u l-Infieq*

## 3.3 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fl-Infiq fid-Dettall

| | a | b | c | b-a | c-a |
|---|---|---|---|---|---|
| **DESKRIZZJONI** | **2023 ATTWALI €** | **2023 STIMA €** | **2022 ATTWALI €** | **2023 BUDGET VAR €** | **2023 ATTWALI VAR €** |
| **Infçq** | | | | | |
| Salarji u Pagi | | | | | |
| Onorarja tas-Sindku | 11,079 | 11,000 | 10,742 | (79) | (337) |
| Salarji u pagi ta' l-impjegati | 76,921 | 75,000 | 81,293 | (1,921) | 4,372 |
| Bonus | 8,054 | 6,800 | 6,012 | (1,254) | (2,042) |
| Dħul Supplimentari | 727 | 727 | 727 | | |
| Kontribuzzjonijet ta' Sigurta Soċjali | 7,035 | 6,800 | 6,596 | (235) | (439) |
| 'Allowances' | 13,000 | 13,000 | 13,000 | | |
| 'Overtime' | | 500 | | 500 | |
| | **116,816** | **113,827** | **118,370** | **(2,989)** | **1,554** |
| Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | | | | | |
| Dawl, ilma, telefon,etc. | 9,396 | 7,500 | 8,421 | (1,896) | (975) |
| Xiri ta' Materjal (Materials & Supplies) | 491 | 1,000 | 373 | 509 | (118) |
| Tiswijiet u manutenzjoni | 56,126 | 30,000 | 45,275 | (26,126) | (10,851) |
| Kera | 4,129 | 3,700 | 4,534 | (429) | 405 |
| Sħubija f'Assoċjazzjonijiet Int. | 500 | 750 | 840 | 250 | 340 |
| Spejjeż tal-Uffiċċju | 8,147 | 4,000 | 6,794 | (4,147) | (1,353) |
| Trasport | 6,442 | 1,500 | 961 | (4,942) | (5,481) |
| Vjaġġar/safar | | | | | |
| Informazzjoni għall-Pubbliku | 95 | 200 | 120 | 105 | 25 |
| Servizzi b' Kuntratt | 65,730 | 111,700 | 93,344 | 45,970 | 27,614 |
| Servizzi Professjonali | 27,106 | 30,000 | 26,540 | 2,894 | (566) |
| Training | | 500 | | 500 | |
| Ospitalita u servizzi lill-Komunita` | 108,891 | 56,000 | 93,322 | (52,891) | (15,569) |
| Spejjeż Inċidentali | 813 | 6,350 | 330 | 5,537 | (483) |
| | **287,866** | **253,200** | **280,854** | **(34,666)** | **(7,012)** |
| Infieq Kapitali | | | | | |
| Xiri ta' proprjeta` | | | | | |
| Bini | | | | | |
| Titjib | | | 41,037 | | 41,037 |
| Makkinarju u Apparat | 561 | 25,000 | 1,312 | 24,439 | 751 |
| Proġetti Speċjali | 59,012 | 293,000 | 125,478 | 233,988 | 66,466 |
| | **59,573** | **318,000** | **167,827** | **258,427** | **108,254** |
| **TOTAL** | **464,255** | **685,027** | **567,051** | **220,772** | **102,796** |

## *4. Dikjarazzjoni Rikonċiljatorja Bankarja*

### **Kont HSBC Bank Account** 071-115034-001

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | 562,870.97 |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru 2023 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Naqqas il-*withdrawals* li saru li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | 14,853.10 |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **548,017.87** |

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fil-Ktieb tal-Bank fil-31 ta' Diċembru 2023** | 548,017.87 |
| Għodd l-interess li tħallas sal-31 ta' Diċembru 2023 | 0 |
| Naqqas ic-*charges* imħallsa sal-31 ta' Diċembru 2023 | 0 |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | 548,017.87 |

### **Kont Bank of Valletta Savings** 12415297027

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | 6,385.68 |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru 2023 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | 0 |
| Naqqas il-*withdrawals* li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | 0 |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | 6,385.68 |

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fil-Ktieb tal-Bank fil-31 ta' Diċembru 2023** | 6,385.68 |
| Għodd l-interess li tħallas sal-31 ta' Diċembru 2023 | 0 |
| Naqqas ic-*charges* imħallsa sal-31 ta' Diċembru 2023 | 0 |
| Bilanċ Nett tal-Bank | 6,385.68 |

**Kont Bank of Valletta Current – LC Other Entities** 50017420209

| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | 96.99 |
|---|---|
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru 2023 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | 0 |
| Naqqas il-*withdrawals* li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | 0 |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | 96.99 |

| **Bilanċ fil-Ktieb tal-Bank fil-31 ta' Diċembru 2023** | 96.99 |
|---|---|
| Għodd l-interess li tħallas sal-31 ta' Diċembru 2023 | 0 |
| Naqqas ic-*charges* imħallsa sal-31 ta' Diċembru 2023 | 0 |
| Bilanċ Nett tal-Bank | 96.99 |